# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT
## ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.
## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LLD., A.R.Hist.S.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001

**Numru**

**Cit. Nru. 247/87 AM**

**Maria Abela nominata bhala kuratrici ad litem ta' binha inkapaci Saviour Abela u b'digriet tal-21 ta' Otturbu, 1988 gew nominati Dominic u Joseph Abela minflok Maria Abela li mietet fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Emmanuel Cachia u Joseph Bonnici u Registratur tas-Socjetajiet, Joseph Cachia f'ismu u bhala likwidatur tas-socjeta' Cachia & Bonnici.**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

L-attrici pprocediet kontra l-konvenuti b'dan l-att tac-citazzjoni:-

> "Illi l-konvenuti kienu socji tas-socjeta' "en nom collectiv" "Cachia & Bonnici";

Illi l-imsemmija socjeta' giet dikjarata xolta b'rizoluzzjoni tad-29 ta' Jannar, 1977;

Illi wara dik l-istess dikjarazzjoni l-imsemmija socjeta' kienet giet imhassra ("struck-off") mir-Registru tas-socjetajiet;

Illi Joseph Cachia b'ittra ta' l-istess data indirizzata lir-Registratur tas-Socjetajiet kien iddikjara illi "all the liabilities of the said partnership with third parties have been settled accordingly";

Illi tali dikjarazzjoni manifestament frawdolententi stante li l-konvenut Cachia, kif ukoll il-konvenuti Emmanuel Cachia u Joseph Bonnici socji fil-fuq imsemmi socjeta', kienu jafu bl-ezistenza tal-kawza li l-attrici kienet gia intavolat ghall-hlas ta' danni kagunati b'korriment ta' bin l-attrici fuq il-post tax-xoghol ta' l-istess mas-socjeta' imsemmija u ghal liema l-konvenuti u s-socjeta' minnhom rapprezentata kienu responsabbli;

Illi ghalhekk il-fuq imsemmi thassir tas-socjeta' sar irregolarment u fuq dikjarazzjoni manifestament inveritjera u ghalhekk kien null fil-ligi u bla effett;

Talbet li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li t-thassir tas-socjeta' in kwistjoni sar b'mod hazin a bazi ta' dikjarazzjoni frawdolenti kif fuq inghad;

2. Tiddikjara konsegwentement li t-thassir tas-socjeta' Cachia & Bonnici mir-Registru tas-Socjetajiet huwa null u bla effett fil-ligi billi vvizzjat kif fuq inghad;

3. Tordna lir-Registratur tas-Socjetajiet biex dan it-thassir ikun ikkancellat u li l-istess socjeta' terga' tkun restitwita fl-imsemmi registru;

4. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-ispejjez ta' dina l-kawza".

**Eccezzjonijiet**

Il-konvenut, Registratur tas-Socjetajiet, hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

> "1. In linea preliminari n-nullita' tac-citazzjoni, stante li ghalkemm wiehed mill-konvenuti u cioe' ir-Registratur tas-Socjetajiet, hu persuna b'kariga pubblika u gie mharrek fil-kwalita' ufficjali tieghu, din ic-citazzjoni ma setghetx tigi prezentata hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra r-Registratur tas-Socjetajiet ta' ittra ufficjali jew ta' protest, a tenur ta' l-Art. 460 (1) tal-Kap 12.
>
> 2. L-inkompetenza ta' din il-Qorti, stante li skond l-Artikolu 742(2) tal-Kap 12, ebda Qorti f'Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita' ta' xi ghemil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern, jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici taghha, u l-azzjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet li qed jintalab l-annullament taghha ma taqax taht il-kazijiet eccettwati minn dan il-principju generali.
>
> 3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonjiet, l-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali ma tipprovdix biex socjeta' li tkun giet "struck off" mir-Registratur tas-Socjetajiet terga' tigi ravvivata, a distinzjoni ta' xi ligi estera, fosthom dik Ingliza, u la dana ma tipprovdihx il-ligi, ma tistax tipprovdi ghalih il-Qorti.
>
> 4. Illi l-konvenut l-iehor Joseph Bonnici biegh u ttrasferixxa l-azzjonjiet jew is-sehem tieghu lill-uniku socju l-iehor tas-socjeta' u cioe' il-konvenut l-iehor Emanuel Cachia sew qabel ix-xoljiment furzat tas-socjeta', tali xoljiment kellu jsir ope legis, ghax is-socjeta' ma setghetx tibqa' tissussisti b'socju wiehed ghal aktar minn sitt xhur, a tenur ta' l-Art. 34 (e) ta' l-Ordinanza ta' 1962 dwar is-Socjetajiet Kummercjali, u ghaldaqshekk is-socjeta' giet struck off mir-Registratur tas-Socjetajiet.
>
> 5. Illi kwalsiasi pretensjoni jew debitu fil-konfront ta' l-attrici nomine ghandu jkun responsabbli ghalih min ghamel id-dikjarazzjoni".

Il-konvenut Joseph Bonnici hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

“1. In linea preliminari n-nullita’ tal-proceduri, stante li ghalkemm wiehed mill-konvenuti, ir-Registratur tas-Socjetajiet Pubblici, hu persuna b'karika pubblika u gie mharrek fil-kwalita’ ufficjali tieghu, din ic-citazzjoni ma setghetx tigi prezentata, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-istess konvenut Registratur tas-Socjetajiet ta’ ittra ufficjali jew ta’ protest, a tenur ta’ l-Art. 460(1) tal-Kap 12.

2. Subordinatament u ukoll in linea preliminari, l-inkompetenza ta’ din il-Qorti, stante li skond l-art. 742(2) tal-Kap 12 “ebda Qorti f’Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita’ ta’ xi ghemil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern, jew minn xi persuna li jkollha karika pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici taghha”, u l-azzjoni tar-Registratur tas-Socjetajiet li qed jintalab l-annullament taghha ma taqax taht il-kazijiet eccettwati minn dal-principju generali;

3. L-inkompetenza ta’ din il-Qorti stante li l-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u l-konvenuti l-ohra m’humiex kummercjanti.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-eccipjent Bonnici mhux il-legittimu kontradittur ta’ l-attrici, ghax hu ma kellu x’jaqsam xejn max-xoljiment u eventwali “striking off” tas-socjeta’ “Cachia & Bonnici”, billi hu kien biegh u ttrasferixxa l-ishma tieghu lill-konvenut l-iehor Emmanuel Cachia, xhur qabel ix-xoljiment furzat tas-socjeta’ de quo li kellha ssir “ope legis” ghax is-socjeta’ ma setghetx tkompli tissussisti b’socju wiehed ghal aktar minn sitt xhur, a tenur ta’ l-Art. 34 (e) ta’ l-Ordinanza ta’ l-1952 dwar is-Socjetajiet Kummercjali. Ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza;

5. Illi subordinatament ghalkemm ma kienx hu li ffirma d-dikjarazzjoni lamentata u ma kienx hu li ta xi istruzzjonijiet biex din tigi prezentata, fis-sustanza din id-dikjarazzjoni, li fuqha bbaza d-decizjoni tieghu insindakabbli u rrevokabbli l-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, tidher li kienet tirrispeddja fedelment il-verita’ attwali, kemm dakinhar, kif ukoll illum, ghax s’issa ghadu ma giex dikjarat li s-socjeta’ Cachia & Bonnici hi responsabbli ghall-incident u ghall-korriment ta’ iben l-attrici, u ghalhekk verament ma kien hemm l-ebda debitu favur

terzi meta saret id-dikjarazzjoni, u zgur li ma kien hemm ebda frodi kif allegat fic-citazzjoni.

6. Illi f'kull kaz, l-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali, ma tipprovdix biex socjeta' li tkun giet "struck off" terga' tigi ravvivata, u dana ghad-distinzjoni ta' xi ligi estera, u ghalhekk la l-Ligi ma tipprovdix ghal dan, dan ma tistax tipprovdih il-Qorti".

Il-konvenut Emmanuele Cachia hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. In linea preliminari, in-nullita' tal-proceduri u tac-citazzjoni, skond l-Art. 460 (1) tal-Kap 12, stante li dawn ma gewx preceduti, b'ittra ufficjali jew protest notifikat lill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, u ghalhekk ir-Registratur tal-Qrati suppost li sahansitra rrifjuta li jircievi din ic-citazzjoni.

2. Illi subordinatament din il-Qorti hija inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici skond l-Art. 742(2) tal-Kap 12 billi jekk hi tiddeciedi li t-thassir tas-socjeta' Cachia & Bonnici sar b'mod invalidu u hu null u bla effett, u r-Registratur jigi ordnat li jikkancella tali thassir, din il-Qorti tkun qed tistharreg il-validita' ta' xi ghemil jew haga li tkun saret mill-Gvern jew ufficjali pubbliku fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici tieghu. U l-Qorti hija prekluza milli taghmel dan u milli tiddikjara bhala null jew invalidu att simili, hlief fil-kazijiet espressament eccettwati bil-Ligi, li ma japplikawx ghall-kaz odjern.

3. Illi stante li hadd mill-konvenut mhux kummercjant, din il-Qorti hija wkoll inkompetenti razionae materiae.

4. Illi subordinatament u fil-mertu, it-talbiet attrici jikkozzaw ma' talba ohra ta' l-istess attrici li qed isir minnha f'kawza ohra fl-ismijiet "Saviour Abela noe. vs Emmanuel Cachia noe et noe". (Citaz. 1106/75 JDC) issa pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, fejn qed jintalab it-trasfuzjoni tal-gudizzju mis-socjeta' Cachia & Bonnici favur il-konvenuti Emmanuel Cachia u Joseph Bonnici personalment. B'talba simili, l-attrici accettat implicitament quddiem Qorti ohra l-validita' u r-regolarita' tal-"Striking off " u ghalhekk issa hu inkoncepibbli kif din tista' timpunja tali "Striking off", and "<u>selecta una via, non datur recursus ad alteram</u>".

5. Illi subordinatament hu ma ghamel ebda dikjarazzjoni frawdolenti. Hu kien gie kostrett mill-konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali li jxolji s-socjeta' "ope legis" skond l-Art. 34 (e) ta' l-Ordinanza tas-Socjetajiet Kummercjali, meta s-socju l-iehor Joseph Bonnici kien ittrasferielu s-sehem tieghu u hallih wahdu.

6. Illi subordinatament id-dikjarazzjoni lamentata ma kienetx inveritjiera u frawdolenti, ghax fil-fatt, sa dakinhar, u, del resto, anke sallum, is-socjeta' Cachia & Bonnici ma kellha u m'ghandha ebda "liability" jew debitu fil-konfront ta' l-attrici noe. Li hemm hi biss pretensjoni ghad-danni li qed tigi kontestata.

7. Illi anke kieku kellu jirrizulta li tali dikjarazzjoni kienet verament inveritjiera, it-talbiet attrici xorta huma insostenibbli, ghax il-Ligi Maltija, ghad-distinzjoni ta' xi ligi estera, ma tipprovdix makkinarju biex socjeta' li tkun giet "struck off" mir-Registratur tkun tista' tigi ravvivata f'kazi simili u, la l-Ligi ma tipprovdix ghal din l-eventwalita', u ma segwietx il-mudelli taghha, dan il-makkinarju ma tistax tissupplieh il-Qorti".

Il-konvenut Joseph Cachia proprio et nomine hekk eccepixxa ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi l-atti tac-citazzjoni huma nulli u l-azzjoni hija improponibbli ghax ma giex rispettat il-vot ta' l-art. 460 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi subordinatament u in linea preliminari wkoll, l-inkompetenza ta' din il-Qorti a tenur ta' l-Art. 742 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi mhux minnu li hu ta jew ghamel xi dikjarazzjoni frawdolenti bhala stralcjarju tas-socjeta' Cachia & Bonnici;

4. Illi f'kull kaz, anki kieku kellhom jirrizultaw il-premessi kollha ta' l-azzjoni odjerna, il-Ligi ma taghti ebda poter lill-Qrati li jirravvivaw socjeta' kummercjali li tkun giet "sruck off" mill-

> konvenut Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali u ghalhekk it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez".

**Verbal**

B'verbal registrat fit-13 ta' Mejju, 1988, il-konvenuti kollha rtiraw l-ewwel eccezzjoni preliminari taghhom billi minn ricerka li saret fl-atti tar-Registratur tas-Socjetajiet irrizulta li l-ittra ufficjali kienet saret fi zmien utli. Fil-provvediment moghti fit-18 ta' Gunju, 1990, l-ewwel Qorti ordnat li kellha l-ewwel tigi konsidrata it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti kollha dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Kummerc.

**Decide**

B'sentenza tas-7 ta' Dicembru, 1992, l-allura Qorti tal-Kummerc iddecidiet din l-eccezzjoni billi laqghetha, u konsegwentement iddecidiet li hija ma kellhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, u ghalhekk illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez kellhom jithallsu mill-atturi.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

"Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza, in difett ta' ostakolu, dwar l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sollevata mill-konvenuti kollha skond l-Artikolu 742 (2) tal-Kap 12 li jiddisponi testwalment:-

"Ebda Qorti f'Malta ma ghandha gurisdizzjoni li tistharreg il-validita' ta' xi ghemil jew haga ohra li tkun saret mill-Gvern jew minn xi awtorita' imwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici taghhom jew li tiddikjara xi ghemil jew haga bhal haga bhal dawk nulli jew invalidi jew minghajr effett, hlief u sakemm:

(a) dak l-ghemil jew haga ma tkunx "ultra vires"; jew

(b) dak l-ghemil jew haga ma tkunx b'mod car bi ksur ta' disposizzjoni esplicita ta' ligi miktuba; jew

(c) il-forma jew il-procedura xierqa ma tkunx giet segwita f'haga importanti u dan in-nuqqas ikun wassal ghal pregudizzju sostanzjali.

Izda ghemil jew haga li tkun fil-limitu tas-setghet generali jew specjali ta' persuna jew awtorita' m'ghandhiex titqies li hi "ultra vires" kemm-il darba l-ghemil jew il-haga ma tkunx b'mod car u esplicitu projbita jew eskluza b'ligi miktuba".

Ikkonsidrat:

Illi l-atturi, bin-nota taghhom prezentata fid-9 ta' April, 1992 issottomettew illi l-eccezzjoni ghandha tigi michuda peress li l-atturi mhux qeghdin jitolbu f'din ic-citazzjoni illi r-"Registrar of Partnerships" m'ghandux dritt jordna l-"istriking off" ta' "partnership". Dan huwa dritt li taghtih il-ligi li mhux kontestat. Ziedu jghidu li l-meritu ta' din il-kawza huwa differenti, l-atturi qeghdin jitolbu li l-"istriking off" in kwistjoni sar ghaliex ir-Registratur agixxa fuq informazzjoni li l-konvenuti kienu obbligati li jaghtu lill-istess Registratur, li tirrizulta li hija manifestament falza, u kwindi dan il-meritu huwa sindakabbli minn din il-Qorti.

It-tezi tal-konvenuti hija li d-disposizzjoni citata minnhom tapplika ghar-Registratur tas-Socjetajiet li huwa persuna b'kariga pubblika u li "striking off" li sar minnu sar fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici, u li dan la kien "ultra vires", la kien imur b'mod car kontra xi disposizzjoni tal-ligi miktuba, u zgur li fih giet segwita l-procedura u l-forma preskritta;

Fil-fehma tal-Qorti, t-talbiet attrici huma fis-sens li jigi dikjarat invalidu l-ghemil li bih il-konvenut ir-Registratur tas-Socjetajiet ordna t-thassir tas-socjeta' in kwistjoni mir-Registru tas-Socjetajiet, u li, imbaghad, l-istess konvenut jigi ordnat li jerga' jqieghed lis-socjeta' fl-imsemmi Registru. Dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa kolpit b'mod car mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 742 (2) tal-Kap 12 billi biex tilqa' t-talbiet attrici, din il-Qorti jkollha necessarjament tistharreg il-validita' ta' l-ghemil ta' l-istess Registratur, li huwa munit b'kariga pubblika, u dan fl-ezercizzju tal-funzjonijiet pubblici tieghu vestiti fih bil-ligi. L-attur stess jirrikonoxxi li r-Registratur tas-Socjetajiet ghandu "kull dritt" jaghmel dak li ghamel, pero' jallega li d-decizjoni tieghu kienet bazata fuq informazzjoni falza. Izda, fil-fehma tal-Qorti, biex tista' tasal ghad-decizjoni mitluba, il-Qorti trid bilfors tezamina l-validita' ta' l-ghemil tar-Registratur tas-Socjetajiet, materja li din il-Qorti, anzi l-Qrati kollha ta' Malta, hlief ghal gurisdizzjoni moghtija esplicitament mill-Kostituzzjoni, m'ghandhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni taghha a tenur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 742 citat, kif emendat bl-Att Nru. VIII ta' l-1981. Inoltre, il-kawzali dedotta mill-atturi lanqas ma taqa' taht xi wahda mill-eccezzjonjiet kontemplati mil-legislatur fil-paragrafi (a) (b) u (c) fuq citati".

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi Dominic u Joseph Abela bhala kuraturi ad litem ta' huhom inkapaci Saviour Abela. Huma jissottomettu li l-konvenuti qeghdin jikkontendu illi l-qrati ta' Malta ma kellhomx gurisdizzjoni biex jiddeciedu din il-kawza abbazi ta' l-artikolu 742 (2) tal-Kap 12, (allura vigenti) ghaliex l-istriking off tas-socejta' Cahia & Bonnici sar mir-Registratur tas-Socjetajiet li huwa persuna b'kariga pubblika, fl-ezercizzju ta' funzjonijiet pubblici, u dak li ghamel ma kienx ultra vires. La huma b'mod car kontra xi disposizzjoni ta' ligi miktuba, u zgur li fih giet ezegwita l-procedura u l-forma preskritta.

L-atturi jirritjenu pero' li din l-eccezzjoni kellha tigi michuda peress li huma ma kienux qeghdin jitolbu f'din ic-citazzjoni li r-Registratur tas-Socjetajiet m'ghandux dritt li jordna l-istriking off ta' partnership, ghaliex dan kien dritt li taghtih il-ligi u li mhux kontestat. Il-mertu ta' din il-kawza huwa wiehed differenti ghaliex l-atturi qeghdin jirritjenu li l-istriking off in kwistjoni sar ghaliex ir-Registratur tas-Socjetajiet agixxa fuq informazzjoni li l-konvenuti kienu obbligati li jaghtu lill-istess Registratur li hija manifestament falza, u kwindi dan il-mertu huwa sindakabbli mill-Qrati. Hu allura sottomess mill-istess appellanti li l-istriking off tas-socjeta' kien gie ottenut bi frodi sabiex l-atturi li kienu qeghdin iffittxu lis-socjeta' konvenuta minhabba danni sofferti kawza ta' disabilita' permanenti totali, jisfaw minghajr konvenut fil-kawza. Dan ghaliex l-istess konvenuti Cachia u Bonnici kienu ddikjaraw illi "all the liablities of third parties have been settled accordingly". Dana minghajr ma taw ebda indikazzjoni tal-pretensjoni li l-istess Saviour Abela kellu kontra s-socjeta'.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-mod zbrigattiv kif l-ewwel Qorti laqghet l-eccezjoni tan-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati a bazi tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 742 tal-Kap 12 kif kien allura. Dan l-artikolu kien gie sostitwit bl-emenda fl-Att Nru. IV ta' l-1996 li introduciet fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-artikolu 469 A li jipprovdi

ghall-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva. Artikolu dan li jaghti skop ferm aktar wiesgha ghas-sindakabilita' minn dawn il-qrati in materja ta' agir amministrattiv, anke jekk hu gust li jinghad illi l-interpretazzjoni liberali li kienet bdiet tinghata minn dawn il-qrati, anke jekk mhux dejjem b'konsistenza, lill-artikolu 742, kienet diga' bdiet tiffavorixxi u tasserixxi d-dritt tal-qrati li jintervjenu kontra l-abbuz tal-poter u kontra l-arbitrarjeta' amministrattiva. Dan partikolarment fejn ma jkunux osservati r-regoli ta' gustizzja naturali u l-jeddijiet fondamentali.

Din il-Qorti tifhem pero' illi l-artikolu 742 kien ferm limitattiv ta' l-ispazju mholli lill-qrati ordinarji biex jissindikaw l-agir amministrattiv ta' ufficjali pubblici, nonostante l-isforzi tal-qrati li jaghtuh interpretazzjoni liberali. Dan premess pero', din il-Qorti ma tarax ghaliex il-mertu tal-kawza taht ezami kellu jigi konsidrat li <u>kollu</u> u <u>eskluzivament</u> jinvesti l-operat ta' l-ufficjal pubbliku, f'dan il-kaz ir-Registratur tas-Socjetajiet.

Hu immedjatament car li l-azzjoni attrici hija diretta mhux biss kontra ir-Registratur tas-Socjetajiet, imma wkoll kontra Emmanuele Cachia u Joseph Bonnici personalment, u kontra Joseph Cachia f'ismu <u>u</u> bhala likwidatur tas-socjeta' Cachia & Bonnici. Dan necessarjament ifisser illi sa fejn l-azzjoni tista tregi kontra dawn il-persuni, bl-ebda mod muniti b'ufficcju pubbliku, din kellha tigi salvata u setghet liberament u impunement tipprocedi. Issa indubbjament il-premessi ghat-talbiet

attrici jirrigwardaw kollha imputazzjonijiet ta' agir skorrett u frawdolenti, da parti tal-konvenuti kollha, minbarra r-Registratur tas-Socjetajiet. L-atturi nomine qeghdin effettivament jitolbu lill-Qorti tindaga u tiddeciedi dwar jekk dikjarazzjoni maghmula minn dawn l-istess konvenuti kienetx qarrieqa u moghtija bil-ghan specifiku li, b'qerq u frodi, tippregudika l-jeddijiet patrimonjali taghhom. Dan hu certament mertu li jaqa' kompletament fil-kompetenza tal-qrati ordinarji. Jinvesti materja ta' jeddijiet pretizi fil-konfront ta' l-agir ta' cittadini ordinarji li ma kienu bl-ebda mod muniti b'xi forma ta' immunita' statutorja, u li, eventwalment, jekk provat, seta' wkoll jaghti lok ghal drittijiet ta' azzjoni kontra l-konvenuti kollha barra r-Registratur tas-Socjetajiet ghar-rizarciment ta' danni konsegwenzjali ghall-agir illegali u abuziv li ghalih kull persuna kellha, skond il-ligi, tirrispondi. Fil-fatt analizi ta' l-azzjoni kif proposta ma kienetx, fil-fehma ta' din il-Qorti, timporta unikament stharrig ta' l-operat amministrattiv ta' l-ufficjal pubbliku, imma kien jimporta verifika tal-komportament u ta' l-agir ta' cittadini privati li seta' influwenza d-decizjoni amministrattiva. Decizjoni amministrattiva li eventwalment setghet tkun koperta bl-ezenzjoni mill-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji, anke meta tittiehed wara li tkun hadet konjizzjoni tal-gudikat tal-qrati ordinarji fil-kawzi taht ezami li jkun stabbilixxa jekk kienx minnu jew le illi l-informazzjoni li nghata kienet wahda qarrieqa u frawdolenti.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-artikolu 742 taht ezami, anke konsidrati t-termini wesghin u kwazi assolutistici li fihom kien allura redatt biex isalva l-azzjoni amministrattiva minn kull stharrig gudizzjarju, kellu xorta wahda jinghata interpretazzjoni restrittiva propju ghaliex il-principju bazilari kellu jkun li l-qrati ordinarji, li quddiemhom kull cittadin kellu jitqies li kien ugwali, kellu jkollhom il-gurisdizzjoni li jiehdu konjizzjoni u jiggudikaw fuq il-materji kollha li jaqghu fil-kompetenza taghhom. L-interpretazzjoni kellha allura tkun, sa fejn dan kien possibbli fl-ispirtu u l-kelma tal-ligi, favur u mhux kontra li l-qrati jkollhom gurisdizzjoni. Sa fejn kien allura possibbli l-azzjoni kellha allura tigi salvata biex taqa fil-kompetenza tal-qrati ordinarji. Inoltre l-fatt li l-qrati kienu allura ezawtorati milli jistharrgu l-validita' ta' xi ghemil jew ta' haga ohra li tkun saret minn xi persuna li jkollha kariga pubblika fl-ezercizzju tal-funzjonijiet publici taghha, u l-fatt li dak l-agir aministrattiv allura jassumi l-prezunzjoni tal-validita' ghall-finijiet tal-ligi, bl-ebda mod ma jffisser li dak l-agir jew il-fatti li fuqu ikun imsejjes jassumi karattru ta' veracita', legalita' u korrettezza ergo omnes. Dan fis-sens illi l-fatt per ezempju illi l-qrati ma setghux jissindakaw l-agir amministrattiv in tema ta' thassir ta' socjeta' mir-registru tas-socjetajiet, bl-ebda mod ma jfisser illi dan kien jissanzjona kull agir illegali, abuziv jew frawdolenti anke ta' terzi li seta' wassal ghal tali registrazzjoni. Il-fatt li l-ligi kienet bl-artikolu 742 allura tnehhi bhala regola mill-istharrig tal-qrati ordinarji l-agir ta' l-ufficjal pubbliku, ma kienx ifisser illi b'hekk kienet qed tigi konferita xi

immunita', jew kienet b'xi mod qed tigi sanzjonata kull illegalita' jew irregolarita' li setghet wasslet ghal tali decizjoni amministrattiva. L-azzjoni taht ezami kellha allura tigi, fil-fehma tal-Qorti salvata sa fejn kien possibbli li tigi salvata fit-termini kif redatta.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzzjoni li certament il-premessi fl-att tac-citazzjoni setghu jigu konsidrati bhala pertinenti u attinenti ghall-ewwel talba li kienet immirata biex il-Qorti tivverifika u tiddeciedi dwar l-operat u l-komportament tal-konvenuti kollha barra r-Registratur tas-socjetajiet. Fl-ewwel talba l-atturi nfatti jitolbu dikjarazzjoni li t-thassir tas-socjeta' in kwistjoni sar b'mod hazin <u>abbazi tad-dikjarazzjoni frawdolenti kif fuq inghad</u>. Jigifieri l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti tistabilixxi li (a) il-konvenuti jew min minnhom kienu hatja ta' dikjarazzjoni falza u frawdolenti; (b) li tali dikjarazzjoni falza u frawdolenti saret lir-Registratur tas-Socjetajiet; (c) li l-istess Direttur tas-Socjetajiet hassar is-Socjeta' minn fuq ir-Registru abbazi ta' dik id-dikjarazzjoni frawdolenti u abuziva. Din it-talba certament allura tista' tregi u taqa' kompletament fil-kompetenza tal-qrati ordinarji, kif ukoll certament taqa' fl-istess kompetenza taghha, l-ahhar talba, dik cioe' ghall-kundanna tal-konvenuti <u>jew min minnhom</u> li jhallsu l-ispejjez tal-kawza. F'dik it-talba stess hemm insita r-rizerva li tali spejjez setghu ma kienux addebitabbli lir-Registratur tas-Socjetajiet.

Dak il-mertu, kif ukoll il-mertu tat-tieni u tat-tielet talbiet kellhom imbaghad jigu konsidrati anke fid-dawl ta' l-artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili invokat fl-eccezzjoni taht ezami. Dan ghaliex, skond ma jirrizulta mill-konsiderazzjoni ta' l-ewwel talba, tkun tiddependi d-decizjoni tal-Qorti fir-rigward tad-dikjarazzjoni konsegwenzjali mitluba mill-atturi li t-thassir tas-socjeta' Cachi & Bonnici mir-Registru tas-Socjetajiet kien null u bla effett fil-ligi billi vvizzjat kif fuq inghad, u l-ordni lir-Registratur tas-Socjetajiet biex dan it-thassir ikun ikkancellat u l-istess socjeta' terga' tkun restitwita fl-imsemmi registru. Dawn it-tieni u t-tielet talbiet setghu jkunu milquta bl-eccezzjoni taht ezami, imma tali mertu kellu jigi konsidrat fid-dawl tar-rizultanzi processwali li tasal ghalihom il-Qorti fir-rigward ta' l-ewwel talba. Dan l-aspett tal-kawza jibqa' rizervat ghal stadju ulterjuri u jibqa' allura impregudikat. Li qed tiddeciedi l-qorti f'dan l-istadju huwa illi ma kienetx korretta d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuti kollha illi hija ma kellhiex gurisdizzjoni b'mod assolut li tieghu konjizzjoni tat-talbiet attrici. Sejra tiddeciedi minflok, illi l-qrati ordinarji kellhom zgur il-kompetenza li jikkunsidraw il-mertu fir-rigward ta' l-ewwel u tar-raba talbiet attrici u tirrizerva l-gudizzju dwar din l-eccezzjoni fir-rigward it-tieni u t-tielet talba ghal stadju ulterjuri tat-trattazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u f'dan is-sens is-sentenza appellata qed tigi revokata u l-atti rimessi lill-ewwel qorti ghall-kontinwazzjoni. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom ikunu a karigu ta' l-appellati.

Dep/Reg

mm